GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA,
IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI
DIRETTORAT GĦALL-IŻVILUPP TAL-POLITIKA U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMMI

# Espressjoni ta' Interess għall-bdiewa u l-partijiet interessati attivi fis-settur tal-agrikoltura biex iwasslu taħditiet informattivi lill-istudenti tal-Iskola Primarja bħala parti mill-Programm *Let's Talking Farming*

## 1. L-Ambitu

Il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali (MAFA), jinnotifika li qed jintlaqgħu applikazzjonijiet minn bdiewa u partijiet interessati li huma attivi fis-settur agrikolu biex iwasslu taħditiet informattivi lill-istudenti tal-Iskola Primarja (tal-Istat, tal-Knisja, tal-Privat u Indipendenti) f'Malta u Għawdex.

Il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali flimkien mal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR) qed jaħdmu biex iniedu t-tieni edizzjoni tal-programm edukattiv imsejjaħ *Let's Talk Farming* fl-iskejjel Primarji kollha matul is-sena skolastika li tibda f'Ottubru 2023. Dan il-programm se jinkludi diversi kategoriji ta' attivitajiet u inizjattivi dwar il-produzzjoni tal-ikel li l-iskejjel jistgħu jintegraw bħala parti mis-suġġetti li diġà jiġu mgħallma fil-livell primarju bħal-lingwi u l-matematika fost suġġetti oħra. F'dan ir-rigward, l-għan tal-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali huwa li jkompli jżid is-sens ta' apprezzament billi jeduka u jkompli jippromwovi l-irwol importanti tal-bdiewa bħala produtturi tal-ikel fost is-soċjetà Maltija u Għawdxija, speċjalment fost il-ġenerazzjonijiet futuri.

## 2. Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

Din l-espressjoni ta' interess hija miftuħa għal kwalunkwe partijiet interessati attwalment attivi fis-settur agrikolu u li huma kapaċi jwasslu taħditiet/preżentazzjonijiet lill-istudenti tal-Iskola Primarja.

L-applikanti eliġibbli għandhom:

- Ikunu involuti b'mod attiv fis-settur agrikolu
- Jipprovdu/jaqsmu informazzjoni fir-rigward tal-agrikoltura, l-ipproċessar tal-ikel, l-istorja agrikola, il-biedja organika, it-trobbija tan-naħal, etc.
- Jippreparaw materjal edukattiv rilevanti għal udjenza ta' età żgħira (Kinder 1 sas-Sitt Sena)
- Ikunu jistgħu jikkomunikaw kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż
- Ikunu kapaċi jipprovdu għajnuniet viżwali kif meħtieġ
- Jipprovdu taħditiet edukattivi/informattivi b'tul ta' mill-inqas siegħa lit-tfal tal-Primarja
- Ikunu jistgħu jwieġbu l-mistoqsijiet imqajma mit-tfal tal-iskola Kinder u Primarja
- Ikunu disponibbli biex jipprovdu s-servizzi tagħhom matul il-ħinijiet tal-iskola u wara l-ħinijiet tal-iskola, skont kif ikun meħtieġ, skont il-każ
- Esperjenza passata mat-tfal u/jew esperjenza fit-twassil ta' sessjonijiet ta' informazzjoni jitqiesu b'mod favorevoli
- L-applikanti magħżula se jkunu meħtieġa jiffirmaw dikjarazzjoni li turi l-impenn tagħhom għal dan l-impenn
- Ikollhom it-trasport tagħhom stess

**3. Termini u kundizzjonijiet**

Il-kumpens għall-forniment tas-servizz se jkun ta' €35 għal kull sessjoni kompluta (sessjoni waħda ta' 1-1.5 siegħa) . Din ir-rata tinkludi l-ispejjeż u t-taxxi kollha li jistgħu japplikaw ma' dan is-servizz. Il-ħlas isir fuq bażi ta' kull xahar wara tmiem b'suċċess tas-servizz u konferma minn rappreżentant tal-iskola. Fil-każ ta' vjaġġi bejn Malta u Għawdex, il-biljett tal-vapur t'Għawdex jiġi mħallas lura wara l-preżentazzjoni tat-tali biljett.

**4. Sottomissjoni ta' Applikazzjonijiet**

Il-partijiet interessati għandhom jibagħtu email fuq letstalkfarming.mafa@gov.mt fejn juru l-interess tagħhom li jipparteċipaw, sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 25 ta' Awwissu, 2023. L-applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (jiġifieri applikazzjonijiet tard) ma jiġux ikkunsidrati. Is-sottomissjoni għandha tinkludi wkoll CV li tindika l-isfond edukattiv u l-esperjenza relatata mas-settur agrikolu. Tintbagħat email bħala rċevuta ta' konferma għal kull applikazzjoni li tasal. Għal aktar informazzjoni, tista' ċċempel 2292 4203 (waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju).

**5. Proċess tal-Għażla**

- L-applikazzjonijiet kollha se jiġu evalwati minn bord tal-għażla maħtur speċifikament għal din l-espressjoni ta' interess
- Il-kandidati ineliġibbli se jiġu nnotifikati b'email
- Il-kandidati eliġibbli se jintalbu jattendu intervista
- Kwalunkwe kwalifiki u esperjenza li jkunu mniżżlin fl-applikazzjoni għandhom jiġu sostnuti minn ċertifikati u/jew xhieda, li kopji tagħhom għandhom ikunu mehmuża mas-sottomissjoni tal-applikant. Kopji skennjati mibgħuta elettronikament huma wkoll aċċettabbli.
- Il-kandidati magħżula għandhom, għall-perjodu li matulu jiġu assenjati t-tali dmirijiet, ikunu responsabbli lid-Direttur (PDPID — MAFA) u/jew lid-Direttur Ġenerali (DES — MEYR), jew lir-rappreżentant delegat tiegħu/tagħha.
- M'għandu jkun hemm l-ebda kunflitt ta' interess waqt it-twettiq ta' dawn id-dmirijiet.
- Il-kandidati magħżula se jkunu meħtieġa jipprovdu s-servizzi tagħhom matul din is-sena skolastika (Ottubru 2023 — Mejju 2024).